MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 67/2008

**A B**
**vs**
**C B f' isimha proprju,**
**u bhala kuratrici ad litem tal-minuri D E B;**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

1. Illi r-rikorrent A B u l-intimata C B ilhom separati de facto mis-sena elfejn u sitta (2006);

2. Illi l-intimata halliet id-dar matrimonajli fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sitta (2006);

3. Illi fis-sittax (16) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) twieled tifel, li inghata l-isem D E skond certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok. JD 1;

4. Illi din it-tarbija m’ hiex wild naturali tal-attur;

5. Illi l-paternita’ tal-minuri D E tista’ tigi stabbilita permezz ta’ testijiet genetici apposta;

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-minuri D E m’ huwiex il-wild naturali tal-attur;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar isem l-attur mill-kolonna li tiffigura missier it-tarbija kif ukoll il-konnotati tal-istess attur u tissostitwixxi l-istess bil-kliem “missier mhux maghruf” fic-certifikat tat-twelid li jgib in-numru 360 tas-sena 2008 u fejn jehtieg fl-Atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, jew minn minnhom, ngunti in subizzEni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda :

1. Illi preliminarjament l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat ai termini ta’ l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Illi preliminarjament ukoll fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet attrici jintlaqghu il-kliem “the said” iridu jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji

ta' l-omm fuq l-Att tat-Twelid. Inoltre, jew it-talbiet jintlaqghu l-kunEm tat-tarbija irid jigi korrett.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzEni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C B li biha rrispondiet :

1. L-esponenti taqbel li l-partijiet ilhom mifrudin de facto minn Ottubru tas-sena 2006 wara li hi kellha titlaq mid-dar matrimonjali ghall-ragunijiet gustifikabbli bil-Ligi.

2. Illi minn dak iz-zmien hi ma ghexitx mal-attur u l-kuntatti li kellhom kienu biss dawk li saru l-Qorti ghall-iskop ta' negozjati dwar separazzEni bonarja.

3. Illi hi taqbel li binha minuri D E imwieled fis-16 ta' Jannar tas-sena 2008 m'huwiex il-wild naturali tal-attur imma hu l-wild naturali ta' George Ellul, li ghandu n-numru tal-karta ta' l-identita' 0380763M, bin Paul u Emmanuela nee Gravina, imwieled iz-Zejtun.

4. Illi l-esponenti taqbel mal-ewwel talba attrici izda ma taqbilx mat-tieni talba attrici stante li hi tixtieq li minflok il-konnotati tal-attur jigu sostitwiti il-konnotati tal-missier naturali, George Ellul fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija.

5. Illi tirriserva ruhha dwar il-kap tal-ispejjez ghal stadju ulterjuri peress li kien l-istess attur li holoq dewmien u xekkel il-proceduri ta' separazzEni bonarja.

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar[1] ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-AzzEni**
Illi permezz ta' l-azzEni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzEni gudizzjali fis-sens li t-tifel D E, li twieled mill-konvenuta C B fis-16 ta' Jannar 2008 u li fl-att tat-twelid taghha bin-numru 360/08 gie registrat bil-kunEm B, mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur.

Minn naha taghha l-imsemmija konvenuta taqbel ma' din it-talba, u tidentifika b' ismu l-missier naturali tat-tarbija.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-attur u l-konvenuta C B, konjugi B kienu sseparaw de facto fil-31 ta' Ottubru 2006, u minn dak iz-zmien il-quddiem dawn il-partijiet ma kellhomx relazzEnijiet intimi bejniethom. Sussegwentement, il-konvenuta C B weldet tarbija bl-isem D E fis-16 ta' Jannar 2008.

Illi l-partijiet jaqblu li dan it-tifel mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur, izda ta' ragel iehor li mieghu l-konvenuta kellha relazzEnijiet intimi.

Illi t-testijiet xjentifici jikkorroboraw din it-tezi, stante li minnhom jirrizulta xjentifikatament provat li t-tifel D E mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur.

Illi, ghalkemm fir-risposta guramentata taghha l-konvenuta C B tidentifika b' ismu dak il-persuna li, skond hi, hu l-missier naturali tat-tarbija, ma jirrizultawx provi sodisfacenti li jistabilixxu l-paternita' tat-tarbija.

[1] Fols.46 *et seq.*

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attur ; u tiddikjara li l-attur A B mhuwiex il-missier naturali tat-tifel D E li twieled mill-konvenuta fis-16 ta’ Jannar 2008 ; u tordna d-debita korrezzEni fl-att tat-twelid numru 360/08 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta C B f’isimha proprju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------